**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta' Jannar 2019**

**Kumpilazzjoni Numru 690/99**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Alan Desira**
**(ID: 254270M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Alan Desira** talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Frar 1998, jew f'xi jum matul is-sentejn ta' qabel din id-data:-

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni B-7268 jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghha jew imexxiha, liema vettura gejja minn frodi li jiskorri l-valur ta' hames mitt lira Maltija (Lm 500);

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal

haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (B-8408) fuq il-vettura B-7268;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjoni jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' billi uza licenzja tal-vettura bin-numru B-8408 fuq il-vettura B-7268;

5. Kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, biddel jew altera magna jew chassis fuq vettura minghajr awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numri tar-registrazzjoni B-7268 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurtà dwar riskji ghal terzi persuni;

7. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' April 1996, halef falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament liema gurament kien mehtieg mil-Ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lilha permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2017 tal-Onorevoli Prim'Imhallef Silvio Camilleri;

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Ottubru 2004 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda ga prodotti qabel ma din il-kawza giet assenjata lilha;

Semghet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat dwar fatti li allegatament sehhew fl-1998 u s-sentejn ta' qabel u cioe` li:-

1. Wettaq ricettazzjoni ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni B 7268;
2. Wahhal *number plates* **B 8408** fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni B 7268;
3. Iffalsifika f'att awtentiku u pubbliku;
4. Uza licenzja tal-vettura bin-numru B 8408 fuq il-vettura B 7268;
5. Biddel jew alterna magna jew chassis ta' vettura minghajr awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija;
6. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni B 7268 minghajr licenzja u minghajr kopertura tal-assikurazzjoni dwar riskji ghal terzi;
7. Halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mil-Ligi.

Illi l-ewwel kwistjoni li din il-Qorti se tippronunzja ruhha fuqha hija l-kwistjoni tal-ammissibilità o meno tal-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata fl-20 ta' Frar 1998 u tinsab esebita a fol 29 *et seq* tal-process.

Il-Qorti qieghda tqis bhala prova inammissibbli l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu u dan ghaliex fiz-zmien meta giet mehuda l-istess stqarrija il-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010 u l-pozizzjoni legali dwar tali stqarrijiet, illum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell

Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali *ossia* **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".* Ghaldaqstant, l-istqarrija tal-imputat qeghda tigi skartata.

Sorvolata din il-kwistjoni, il-Qorti sejra tirriproduci hawn taht sunt tax-xhieda prodotti:-

**Is-Supretendent Carmelo Bartolo** spjega illi fl-20 ta' Frar 1999 saret spezzjoni ghall-gharrieda gewwa garaxx fi Triq il-Habbiez, Hal-Qormi, proprjetà ta' certu Mario Aquilina u dan wara informazzjoni kunfidenzjali illi gewwa l-istess garaxx kien hemm vettura misruqa tal-ghamla Renault Campus. Fil-fatt fl-imsemmi garaxx il-Pulizija sabet vettura tat-tip Renault Campus kulur griz *metallic* li kienet mghottija u minghajr magna. Gewwa l-istess vettura kien hemm pjanca bin-numru ta' registrazzjoni B 8404 li rrizulta li kien jghajjat lil vettura ohra registrata fuq l-imputat. Irrizultalu wkoll illi c-*chassis* tal-vettura li kien hemm fil-garaxx kien gie maqlugh. Huwa spjega li minn informazzjoni li kiseb, ix-*chassis* tar-Renault Campus kien forma ta' *sticker*. Jispjega li huwa kompla l-investigazzjonijiet tieghu fejn wara li kellem ghadd ta' persuni wasal biex hareg l-imputazzjonijiet odjerni.

**Brian Farrugia**, ufficjal tad-Dipartiment tal-Licenzji, xehed illi l-vettura tat-tip Renault 5 ta' kulur *light blue* bin-numru ta' registrazzjoni B 8408 kienet tghajjat lil Alan Desira mis-7 ta' April 1995, liema vettura giet skreppjata mill-istess Desira f'April 1996 pero` kienet saret dikjarazzjoni da parti ta' Desira illi kien tilef il-pjanca ta' wara tal-istess vettura. Ix-xhud esebixxa dan id-dokument li jinsab a fol. 109 tal-process.

**Paul Sciberras**, rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance, xehed illi certu Stephen Borg kien assikurat mal-Kumpanija msemmija u dan fir-rigward tal-vettura Renault 5 bin-numru ta' registrazzjoni B 7268. L-istess Borg kien ghamel *claim* fil-31 ta' Jannar 1994 fejn irrapporta li fl-4 ta' Jannar kien sab l-

istess vettura nieqsa. Jispjega li l-Kumpanija eventwalment kienet hadet passi civili kontra Borg minhabba qerq fejn l-istess Borg kien irrifonda lill-Kumpanija s-somma li kienet giet likwidata favur tieghu, liema somma kienet tammonta ghal elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200).

**Steve Borg** stqarr illi f'xi data li ma jiftakarx spicca mix-xoghol gewwa Paceville u x'hin qabad it-triq lejn id-dar kellu incident tat-traffiku bil-vettura tieghu Renault 5 Campus TC ta' kulur blu car. Jispjega li warajh kien hemm wiehed jahdem mieghu, certu Charlo li waqaf jara x'gara u staqsih jekk jafx lil xi hadd li jista' jittowjah. Borg wiegbu li le u Charlo qallu li se jigbed il-vettura hu u haduha quddiem id-dar ta' Charlo gewwa Hal-Qormi. Meta l-ghada iltaqa' ma' Charlo biex jara kif se jibqa' fuq il-vettura, Charlo qallu li kien helsu minnha peress li kellu hafna hsara u qal lil Borg biex imur jaghmel *claim* mal-*insurance*. Ghalhekk Borg mar jaghmel rapport falz l-Ghassa tal-Hamrun li kienet giet misruqa l-vettura. Jispjega li xi zmien wara kienu baghtu ghalih il-Pulizija u huwa ammetta kollox u rrifonda l-flus li kien ircieva minghand l-*insurance*. Borg spjega li lill-imputat ma jafux.

**Mario Aquilina** spjega li fl-1998 kellu garaxx Hal-Qormi fejn kien izomm BMW. Jghid li meta l-Pulizija ghamlet spezzjoni fl-istess garaxx kienu sabu fih vettura ta' habib tieghu, Alan Desira. Jispjega li kien jaf li l-vettura kellha xi hsara u ma kellhiex magna u li Desira kien ha x-xaft ghand Kind's ghax kien hemm bzonn ghodda specjali biex tirrangah. Pero` kif l-istess vettura giet ghand Desira ma kienx jaf. Ix-xhud ghall-ewwel innega li kien hallas xi flus lil Desira biex jixtri din il-vettura pero` meta gie mfakkar x'kien qal fl-istqarrija tieghu huwa ftakar li kien accetta li jixtriha pero` peress li ma kienx hallas lil Desira, Desira kien mar u qala' s-*seats* tal-istess vettura.

Il-Qorti rat ukoll zewg sentenzi moghtija fil-konfront ta' Steve Borg[1] u Mario Aquilina[2] li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-kwadru tal-provi jemergi illi fl-4 ta' Jannar 1994[3] certu Steve Borg kellu accident tat-traffiku bil-vettura tieghu tat-tip Renault 5 bin-numru ta' registrazzjoni B7268. Jirrizulta illi fil-hin tal-incident kien qed isuq warajh

[1] Pul vs Steve Borg deciza fid-29 ta' Novembru 2000 a fol. 198
[2] Pul vs Mario Aquilina deciza fit-23 ta' Jannar 2014
[3] Ara r-rapport tal-*insurance* a fol. 163

certu Charlo, kollega tax-xoghol tieghu, li qallu li seta' jittowjalu l-vettura sa quddiem id-dar tieghu (ta' Charlo) u fil-fatt hekk sar. L-ghada filghodu meta Borg mar biex jara x'se jaghmel bil-vettura ma sabhiex fejn kien halliha u Charlo qallu li kien helsu minnha ghax kellha hafna hsarat u li seta' jaghmel *claim* mal-*insurance.* Fil-fatt Borg ghamel rapport fl-Ghassa tal-Hamrun fejn irrapporta li kienet insterqitlu l-vettura u sussegwentement ghamel *claim* mal-Kumpanija assiguratrici Gasan Mamo Insurance li onorat il-*claim* u hallsitu elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200). Eventwalment, wara li bdiet din l-investigazzjoni u Borg gie kkundannat ghar-reati mwettqa minnu, huwa rrifonda l-ammont imsemmi lill-Kumpanija assiguratrici. Jirrizulta wkoll illi l-vettura ta' Borg spiccat ghand l-imputat li hadha sabiex tigi ggaraxxjata ghand certu Mario Aquilina u li sussegwentement qablu li Aquilina jixtriha versu l-prezz ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) pero` peress li Borg baqa' ma hallasx lil Desira dan kien qala' s-*seats* tal-istess vettura. Jirrizulta wkoll illi fis-17 ta' April, 1996 Desira kien ghamel affidavit fid-Dipartiment tal-Licenzji illi kien tilef il-pjanca ta' wara tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni B8408 u fl-istess gurnata ghamel dikjarazzjoni li kien skreppja l-istess vettura.

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta' ricettazzjoni ai termini tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

Mil-gurisprudenza nostrali jirrizulta li:

*"Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkustanzi partikulari tal-kaz, ikun imissu ragenevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza." (Ara Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchiore Spiteri deciza mill-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998.) Fis-sentenza Il-Pulizija vs. George Schembri deciza mill-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 1992, intqal: "Min jakkwista oggett f'cirkustanzi li fihom imissu jissusspetta li dak l-oggett kellu provenzjenza llegittima, u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni." Illi, di piu', fis-sentenza Il-Pulizija vs. George Tabone deciza fil-24 ta' Gunju, 1961, il-Qorti ta' l-Appell (Per Onor. Imhallef William Harding) rriteniet is-segwenti: "L-element ta' (scienter) huwa mehtieg ghal integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkustanzi tal-kaz partikolari; imma s-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le ta' l-oggett li jkun ser jixtri jew jiltaqa',*

*minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed ta' l-element intenzjonali ta' dan ir-reat." (Ara wkoll Il-Pulizija vs.* John Dimech deciza Appell Krim. fil-24 ta' Gunju, 1961)

Illi din il-Qorti ghandha pass nieqes f'din l-istorja kollha u cioe` kif il-vettura ghaddiet minghand certu Charlo ghal ghand l-imputat. Pero`, *ciononstante*, gie ppruvat illi kien l-imputat li ha l-vettura in kwistjoni ghand Mario Aquilina, kwindi b'xi mod din giet fil-pussess tieghu. Jirrizulta wkoll illi l-imputat kien jaf li kien sar *claim* fuq l-istess vettura ghax qal b'dan lil Aquilina. Kwindi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju ragjonevoli illi l-imputat kien jaf il-provenjenza tal-istess vettura.

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

**It-tieni imputazzjoni**

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz f'dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika billi wahhal set ta' *number plates* foloz (B8408) fuq il-vettura B7268.

Illi mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo jirrizulta illi meta saret l-ispezzjoni fil-garaxx ta' Mario Aquilina instabet vettura tat-tip Renault Campus ta' lewn griz *metallic* u li fiha kien hemm pjanca bin-numru B8408.

Illi ghalkemm jirrizulta car illi l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza meta ddikjara mad-Dipartiment tal-Licenzji li kien tilef in-*number plate* ta' wara l-vettura bin-numru B8404, l-imputazzjoni qieghda redatta b'mod li din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghaliex fl-istess imputazzjoni hemm imnizzel li ir-reat sar billi l-imputat wahhal set *number plates* foloz (B 8404) fuq il-vettura B7268. U dan ghaliex fl-ewwel lok bl-ebda mod ma gie stabbilit illi n-*number plates* B 8404 kienu foloz, u fit-tieni lok ma gie bl-ebda mod ippruvat li dawn twahhlu fuq il-vettura B7268. Li gie stabbilit biss kien li instabet pjanca ta' *number plate* B 8404 fuq gewwa tal-vettura li nstabet fil-garaxx ta' Aquilina.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-opinjoni li t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Pulizija v. Paul Galea**,[4] inghad hekk:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V. VI, n. 2296 -829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwini "non e` veridicio, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op. pit, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezi indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg…"*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glen Debattista** tal-11 ta' Settembru 2013, saret referenza ghat-taghlim ta' Manzini u ta' guristi eminenti ohrajn u b'referenza ghas-sentenza fuq citata, qalet hekk:

*"… dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiku u il-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva*

[4] Din is-sentenza giet citata f'diversi sentenzi ohrajn dwar din il-materja fosthom Il-Pulizija vs Glen Debattista, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 11 ta' Settembru 2013; Il-Pulizija vs John Mercieca, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 3 ta' Novembru 2009; Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 167/10, 30 ta' Jannar 2018

*tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridicio, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.' L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid: Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quella che provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[5] *Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny: Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[6] *Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[7] *Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978: The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. As we have said the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing. The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter*

[5] Hawnhekk il-Qorti ticcita minn Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale II, pagna 606
[6] Prof. Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II, pagna 161.
[7] Professur Mamo Anthony, op.cit., pagna 161.

*it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered".*

Din id-distinjoni saret ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raphael Axiak**, deciz fit-30 ta' Dicembru 2009, liema kaz kien jirrigwarda certifikat skolastiku kontenenti kwalifiki foloz u fir-rigward ta' liema intqal hekk: *"Hawnhekk ghandna kaz klassiku ta' falz materjali, cioe` ta' meta d-dokument ma jkunx wiehed genwin propju ghax l-awtur apparenti – cioe' "C. Attard", bhala kap ta' l-iskola Ninu Cremona Lyceum Complex u in rappresentanza ta' l-istess – ma kienx verament l-awtur ta' dan id-dokument. Kien ikun hemm falz ideologiku, u ghalhekk ma kienux ikunu applikabbli l-Artikoli 183 u 184 imsemmija, li kieku d-dokument kien wiehed genwin izda kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri "perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat ghamel dikjarazzjoni inveritjiera ghaliex filwaqt li ddikjara li kienet intilfitlu l-pjanca tan-*number plate* ta' wara fil-fatt ma kienx hekk ghax din instabet gewwa vettura li kien ha hu stess ghand Aquilina. Id-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat lid-Dipartiment tal-Licenzji tammonta ghal falz ideologiku u mhux ghal falz materjali prospettat fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali addebitat lill-imputat.

Ghaldaqstant lanqas it-tielet imputazzjoni ma tissussiti fil-konfront tal-imputat.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

Permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat illi xjentement ghamel uzu minn licenzja tal-vettura bin-numru B8408 fuq il-vettura B7268.

Illi mill-provi prodotti din l-imputazzjoni bl-ebda mod ma giet ippruvata.

**<u>Il-hames imputazzjoni</u>**

Permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat illi biddel jew altera magna jew *chassis* fuq vettura minghajr awtorizzazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi ghalkemm minn dak mistqarr mis-Supretendent Carmelo Bartolo meta l-vettura giet spezzjonata irrizulta li l-istess *chassis* kien gie maqlugh, bl-ebda

mod il-Qorti ma tista' taghmel dak in-ness necessarju bejn l-imputat u l-azzjoni li biha qieghed jigi imputat. Il-Qorti ma jistax ikollha dik ic-certezza morali li kien proprju l-imputat li ghamel dan meta fil-borma kien hemm involuti mill-inqas zewg persuni ohra, u cioe` Charlo Gauci u Mario Aquilina.

**<u>Is-sitt imputazzjoni</u>**

Permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat illi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni B7268 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Illi l-uniku sentenza li fiha jissemma li l-imputat saq din il-vettura hija fl-istqarrija rilaxxata minn Mario Aquilina u li giet moqrija lill-istess xhud waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u cioe` "Jien din kont gieli rajtu jigri biha." Illi l-Qorti hija tal-fehma li meta wiehed jara l-isfond ghala nqrat din l-istqarrija jifhem illi din inqrat biex jigi stabbilit jekk Aquilina kienx hallas xi somma lill-imputat ghall-bejgh tal-vettura. Filwaqt li huwa veru li Aquilina ikkonferma dak kollu li nqralu, fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma hux bizzejjed biex jistabilixxi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputat fil-fatt kien saq l-imsemmija vettura, iktar u iktar meta skont Aquilina, qabel l-imputat ha l-vettura ghandu, din kienet bla magna fit-triq u li meta dahlet fil-garaxx tieghu kienet bla magna u kellha x-xaft bil-hsara.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li lanqas din l-imputazzjoni ma giet ippruvata.

**<u>Is-seba' imputazzjoni</u>**

Illi permezz tas-seba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha bil-ligi li jaghti gurament, liema gurament kien mehtieg mil-ligi.

Illi din l-imputazzjoni tirreferi ghall-gurament li l-imputat ha fid-Dipartiment tal-Licenzji fejn kien iddikjara li kienet intilfitlu l-pjanca ta' wara tal-vettura numru B8408 kif jirrizulta mid-dokument a fol. 109. Illi minn ezami ta' dan id-dokument, li huwa dak originali, fil-fatt jirrizulta illi l-imputat ha gurament falz u kwindi s-seba' imputazzjoni fil-konfront tieghu tissussiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi rigward piena dwar l-ewwel imputazzjoni il-Qorti qieset illi artikolu 334 tal-Kodici Kriminali jghid is-segwenti:-

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati* -

*(a)* ...
*(b)* ...
*(ċ) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja…"*

Illi l-piena ghar-reati ta' frodi tinsab f'artikolu 310 tal-Kodici. Pero` l-Qorti mhux se tiehu l-piena kif inhi llum pero` kif kienet fid-data li sehh ir-reat (u cioe` qabel l-emendi permezz tal-Att III tal-2002) u cioe` l-piena ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa seba' (7) snin.

Illi fir-rigward tal-piena dwar is-seba' imputazzjoni il-Qorti tinnota li l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali ma kellu l-ebda tibdil fil-piena mid-data tal-imputazzjoni fir-rigward ta' piena u cioe` dik ta' prigunerija minn erba' (4) xhur sa sena (1).

Illi l-Qorti se tiehu wkoll in konsiderazzjoni illi dan il-kaz ilu pendenti kwazi ghoxrin sena, b'hafna seduti ma sarux minhabba n-nuqqas ta' dehra tal-imputat minkejja li kien hemm numru ta' drabi fejn kien debitament notifikat, sakemm fis-27 ta' Novembru 2008 il-kawza giet differita *sine die* minn Qorti diversament presjeduta sakemm giet riappuntata minn din il-Qorti wara li giet assenjata lilha fis-26 ta' Ottubru 2017.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, wara li rat artikolu 108 (a) u 334 (c) tal-Kodici Kriminali qieghda tiddikjara lill-imputat Alan Desira hati tal-ewwel u tas-seba' imputazzjoni u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum. In**

**oltre, ai termini tal-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali qieghda tapplika fil-konfront tal-hati Alan Desira il-piena tal-interdizzjoni generali u tal-interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun u dan ghal zmien hames (5) snin mil-lum.**

**Finalment il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-hames u mis-sitt imputazzjoni.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur